**29 ta' Marzu, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Giovanni Sciortino

*versus*

Wisq Rev. Don Filippo Bonnici

**Servitù — Stillicidju.**

*L-istillicidju jista' jikkostitwixxi, sew servitù attiva favur il-proprjetarju tal-fond immobiljari, sew servitù passiva li għaliha l-istess proprjetarju jkun obligat li jsofri fuq il-ħaġa immobiljari tiegħu t-tnixxija tal-ilma mill-fond viċin. U dawn l-ispeċi ta' servitujiet jistgħu jinħolqu anki bid-destinazzjoni tal-"pater familias", apparti minn kull titolu u preskrizzjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u l-provvedimenti kollha opportuni, billi per mezz ta' kuntratt publikat fis-26 ta' Marzu 1956 fl-atti tan-Nutar Dottor Philip Saliba, Dok. "A", l-attur xtara u akkwista l-fond 4 (ġa numru 2) Strait Street, Żebbuġ); u billi l-fond tal-attur kellu dritt li jirċievi l-ilma tax-xita li jinġemgħa fuq wieħed mill-bjut tal-fond adjaċenti numru 5 (ġa numru 3) Strait Street, Żebbuġ, ta' proprjetà tal-konvenut, kif jidher mill-kuntratt ta' diviżjoni publikat minn Nutar Vincenzo Giorgio Gioioso tad-19 ta' Frar 1911 (dok B), u kif anki jiġi pruvat fit-trattazzjoni tal-kawża; liema ilma tax-xita mbgħad kien jibqa' sejjer ġewwa l-bir tal-fond tal-attur; u billi, kif jiġi anki pruvat, il-fond tal-attur dejjem irċieva l-ilma tax-xita li jinġemgħa fuq l-istess bejt; u billi reċentement il-konvenut u/jew id-dipendenti u/jew familjari tiegħu għamlu xogħolijiet fl-istess bejt b'mod illi l-fond tal-attur mhux qiegħed jirċievi l-ilma kollu li jinġemgħa fuq l-istess bejt kif fuq ingħad; u billi l-konvenut, għalkemm interpellat, naqas li jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa biex l-attur ikun jista' jgawdi d-dritt tiegħu kif fuq ingħad; talab li jiġi dikjarat u deċiż minn din il-Qorti illi l-fond fuq imsemmi numru 4 (ġa numru 2) Strait Street, Żebbuġ, ta' proprjetà tal-attur, għandu dritt li jirċievi l-ilma tax-xita kollu li jinġemgħa fuq wieħed mill-bjut tal-fond numru 5 (ġa numru 3) Strait Street, Żebbuġ, ta' proprjetà tal-konvenut sija in vista tal-kontenut tal-kuntratt fuq imsemmi publikat minn Nutar Gioioso fid-19 ta' Frar 1911 (dok. B), sija in vista tal-fatt illi minn dejjem l-istess fond tal-attur kellu d-dritt li jirċievi l-istess ilma kollu; u anki għar-raġunijiet l-oħra kollha li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża. Salvi drittijiet oħra konsegwenzjali tal-attur. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-4 ta' Ottubru 1957;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher li l-attur qiegħed jitlob sempliċi dikjarazzjoni fis-sens li l-fond numru 4 (ġa numru 2) Strait Street, Żebbuġ, ta' proprjetà tiegħu, għandu d-dritt

jirċievi l-ilma tax-xita kollu li jinġemgħa fuq wieħed mill-bjut tal-fond numru 5 (ġa numru 3) fl-istess trieq u raħal, ta' proprjetà tal-konvenut; għal żewġ raġunijiet, (a) in vista tal-kuntratt ta' qasma riċevut u publikat minn Nutar Vincenzo Giorgio Gioioso tad-19 ta' Frar 1911 (dok. B), u (2) li l-ilma tax-xita kien jibqa' sejjer mill-bejt tal-konvenut ġewwa l-bir tal-fond tal-attur, kif dejjem irċieva dak l-ilma mill-bejt tal-konvenut; u jallega wkoll li l-konvenut jew id-dipendenti jew familjari tiegħu reċentement għamlu *xogħolijiet fl-istess bejt b'mod li l-fond tal-attur mhux* qiegħed jirċievi l-ilma kollu akkumulat fuq l-istess bejt. u l-konvenut, interpellat, ma għamelx ix-xogħolijiet meħtieġa sabiex ikun jista' jgawdi d-dritt tiegħu;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti tal-kawża huma dawn. Il-fondi rispettivi tal-kontendenti, milli jidher, fl-antik kienu ta' sid wieħed (ara depożizzjoni tal-konvenut fol. 53 tal-proċess). Jirriżulta li fil-ħajt diviżorju tal-bitħa tal-fond tal-attur, adjaċenti ma' dak tal-konvenut, hemm midfunin ġewwa l-istess ħajt katusi tal-ilma tal-fuħħar, li jiżbukkaw ġewwa l-bir tal-fond tal-attur u jmexxu l-ilma minn fuq il-bejt tal-ħanut tal-attur, li l-arja tiegħu hija tal-konvenut. Din l-arja tal-konvenut sovrastanti fuq il-ħanut, li jagħmel mid-dar tal-attur, tirċievi wkoll l-ilma tax-xita tal-bejt aktar għoli tad-dar tal-konvenut, u tinġabar ġewwa ħawt li jiġi fir-ras tal-katusi tal-fuħħar li jmexxu u jmixxu l-ilma għal ġewwa l-bir tal-attur per mezz ta' toqba ċatta ta' dijametru ta' xi erbgħa pulzieri. F'dan l-istess ħawt hemm ras ta' kanna tal-ħadid ta' antikità kbira, li tiġi però f'inklinazzjoni skuntrata ta' dijametru wieħed u 3/8 pulzieri, li hija kommunikata ma' sensiela ta' katusi tal-fuħħar f'ħajt angolu rett mal-ħajt l-ieħor, li fih hemm il-katusi tal-fuħħar midfuna li mil-ħawt imexxu l-ilma tax-xita ġewwa l-bir tal-attur;

Il-katusi tal-fuħħar, li għandhom pipe fil-bokka tagħhom ġewwa l-ħajt imsemmi, jibqgħu neżlin għal fuq kamra li l-intern tagħha huwa tal-attur, imma l-arja tagħha hija tal-konvenut, u li tinsab fil-bitħa tal-konvenut; u wara

li fuq dak il-bejt tal-kamra tal-bitħa msemmija jinżel l-ilma, dan jibqa' jiskorri u jinżel ġewwa l-istess bitħa tal-konvenut għall-bir tiegħu; mentri l-bokka ta' erbgħa pulzieri tal-katusi tal-attur hija ċatta, u fil-parti tal-ħawt li tisporġi daqsxejn fuq il-bitħa tal-attur, il-pipe tal-ħadid kommunikat mal-katusi l-oħra, kif fuq relatat, hija f'pożizzjoni skuntrata fil-ġenb tal-ħawt u xi pulzier il-quddiem mill-bokka ċ-ċatta tal-katusi tal-fuħħar li jmexxu l-ilma għall-bir tal-attur;

Irriżulta wkoll li xi sitta u għoxrin sena ilu l-konvenut kien żvija l-ilma tal-bejt tad-dar tiegħu, li jiġi f'livell superjuri tal-bejt tal-ħanut tal-attur, li l-arja tiegħu hija ta' proprjetà tal-konvenut u li oriġinarjament kien jirriversa ruħu għal fuq il-bejt tal-ħanut tal-attur, imma fuq area tal-istess konvenut; u meta l-konvenut għamel dik id-devjazzjoni, il-bokka tal-katusi tal-fuħħar, li oriġinarjament kienu jmexxu l-ilma għall-bir fil-fond tal-attur, kienet diġà mblukkata b'ġebla, b'mod li b'dik id-devjazzjoni li saret f'waħda tat-turġien li junixxu l-bejt tal-ħanut tal-attur u l-bejt tal-konvenut għal-livell superjuri ta' dak il-bejt, li l-arja tiegħu hija tal-istess konvenut, imma li l-van tal-ħanut sottopost għal dak l-istess bejt hija tal-attur. Din id-devjazzjoni, però, ċirka sentejn qabel il-kawża, ġiet korretta, u l-ġebla li kienet qegħda timblokka l-bokka tal-katusi tal-attur ġiet rimossa, u kollox ġie ripristinat għall-istat ta' fatt oriġinarju;

L-instanti il-lum qiegħed jippretendi li l-ilma kollu taxxita tal-bejt superjuri tal-konvenut riversanti fuq il-bejt tal-ħanut, li l-arja tiegħu hija tal-istess konvenut, jappartjeni lilu u l-pipe u katusi fil-ħajt li jiġi angolu rett mal-ħajt diviżorju taż-żewġ fondi tal-kontendenti ma kienux jeżistu, u saru a skapitu tiegħu f'dati relattivament reċenti;

Ikkunsidrat;

Illi in tema legali jingħad li l-azzjoni attriċi hija bażata fuq dak li fid-Dritt Ruman kien jissejjaħ servitù inversa "stillicidii vel fluminis non avertendi". Jingħad

"non avertendi", l-għaliex fid-Dritt Ruman kien hemm l-azzjoni konkomitanti ta' "stillicidii vel flumina recipiendi". Infatti, l-istillicidju jista' jikkostitwixxi, sew servitù attiva favur il-proprjetarju tal-fond immobiljari, sew servitù passiva li għaliha l-istess proprjetarju ikun obligat li jsofri ("consistit in patiendo") fuq il-ħaġa immobiljari tiegħu it-tnixxija tal-ilma mill-fond viċin;

Dawn l-ispeċi ta' servitujiet jistgħu jsorġu anki mħabba d-destinazzjoni tal-"pater familias", apparti minn titolu u *preskrizzjoni*; u l-istess servitujiet ta' din il-fatta huma appoġġjati fuq l-utilità tal-ilma, jekk fil-fond ta' ħadd ieħor ikun jeżisti kanal jew katusi sabiex l-istess ilma jir-riversa ruħu sabiex ikun iservi jew għall-użu tal-irrigazzjoni, jew għal xi konġenji idrawliċi, jew sabiex jingabru f'xi bir jew post ieħor fejn jintrefa' l-ilma;

Illi, peress li s-servitù ta' "stillicidii non avertendi" hija servitù inversa, u anki għar-raġunijiet fuq esposti, l-osservazzjoni subordinata fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut taħt in-numru 3 spjegat fid-dikjarazzjoni tiegħu hija, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, biss apparentement sana; imma fil-fatt hija, "rebus sic stantibus", inkorretta;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilit dak li fuq intqal, din il-Qorti, tħoss, wara matura konsiderazzjoni tal-provi, li t-teżi attriċi ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur, għar-raġunijiet li sejrin jiġu addotti dikontru għal kull raġuni miġjuba l-quddiem mill-attur;

Illi l-ewwel motiv in sostenn tat-teżi attriċi huwa l-kuntratt ta' qasma publikat minn Nutar Gioioso fid-19 ta' Frar 1911. F'dak l-istess kuntratt (ara dok. A fol. 13 u ta' wara tal-proċess, u partikolarment *fol. 15 u 15 tergo*) lill-konvenut ġie assenjat il-fond li huwa preżentement jippossjedi; fejn jingħad li:— "In detto stabile esiste una scala che conduce ad un terrazzo sovrapposto a comodità esistente nello stabile descritto (preċiżament il-fond tal-kon-

venut). U wara dan jingħad:— "L'acqua piovana che si raccoglie sul detto terrazzo spetta per metà a questo stabile (tal-konvenut) e per metà allo stabile descritto al prossimo numero, etc.", li huwa l-fond li fil-qasma Gioioso kien messhom l-awturi tal-attur. Il-fatt li fl-att tal-qasma in segwitu għall-assenjazzjoni li saret lill-konvenut tal-fond tiegħu ntqal dwar il-fond assenjat lill-awturi tal-attur li "lo stesso stabile è soggetto a ricevere l'acqua piovana che si raccoglie sovra uno didetti terrazzi dello stabile descritto al precedente numero etc" (ċjoè tal-fond tal-konvenut), bla indikazzjoni tal-miżura tal-istilliċidju li l-fond il-lum tal-attur kellu jsofri u jgawdi, ma jħassarx il-fatt li huwa kellu jirċievi biss nofs il-kwantità ta' ilma; l-għaliex il-kuntratt, sabiex jiġi rettament interpretat, irid jiġi viżwalizzat fl-interità tiegħu, u mhux a spizziku. Del resto, tant hija korretta l-interpretazzjoni li din il-Qorti qegħdha tagħti lill-kuntratt ta' qasma Gioioso, li l-istess interpretazzjoni hija sorretta anki mill-kuntratt ta' akkwist tal-post li l-attur għamel per mezz tan-Nutar Dr. Philip Saliba tas-26 ta' Marzu 1956 (dok. A fol. 4 u ta' wara tal-proċess); fejn jingħad li l-fond li xtara l-attur kien "suġġett għall-piż li jirċievi l-ilma ta' parti mill-bjut tal-fond ta' Dun Filippu Bonnici";

Illi, kwindi, il-kuntratt ta' qasma Gioioso ma jissorreġġix it-teżi attriċi li l-fond tal-attur kellu jirċievi l-ilma kollu tal-bjut tal-konvenut;

Illi dwar it-tieni motiv a bażi tal-att taċ-ċitazzjoni jingħad li, għalkemm il-katusi tal-fuħħar midfuna ġewwa l-ħajt diviżorju tad-djar tal-kontendenti, u li kienu jmexxu l-ilma mill-area tal-bejt tal-konvenut fuq il-ħanut ta' proprjetà tal-instanti għall-bir tiegħu, jidhru li kienu antiki daqs l-erezzjoni tal-istabili, eppure żmien twil ilu (ċertament aktar minn 26 sena) xi ħadd kien imblokka l-ftuħ tal-katusa tal-attur b'ġebla, u ilma għal ġewwa l-bir tal-attur ma kienx allura jinżel. Dan il-fatt avvera ruħu ħafna snin qabel ma l-attur akkwista l-fond tiegħu. Meta l-instanti akkwista l-fond tiegħu sentejn ilu, ilmenta mal-konvenut fuq dak l-otturament, u l-konvenut ordna li jitneħħa l-imblukkar, kif ukoll irripristina, kif fuq ingħad ir-riversa-

ment tal-ilma tal-bejt għall-livell superjuri tal-fond tiegħu għall-bejt fejn hemm taħtu l-ħawt. *Kwindi* dan l-istat ta' fatt attwali u preżenti nħoloq mill-ġdid xi sentejn ilu. Dwar li l-konvenut jew id-dipendenti tiegħu għamlu xi xogħolijiet oħra biex jimpedixxu r-riversament tal-ilma kollu għall-katusi tal-bir tal-attur, din l-allegazzjoni hija l-ewwelnett infiċjata mill-fatt li skond il-qasma l-attur kellu biss jirċievi *n-nofs jew parti mill-ilma tal-bjut; u t-tieninett* ġiet biss allegata mill-mara tal-attur, l-għaliex lanqas l-istess attur ma korroboraha fl-affermazzjonijiet ġuramentati tagħha. Fl-aħħarnett jingħad li mill-perizja teknika rriżulta li l-pipe li jikkonduċi l-ilma mill-ħawt għall-katusi tal-fuħħar fil-ħajt angolu rett mal-ħajt diviżorju tal-kontendenti hija antika daqs *l-istess bini;* u *fir-riversament tal-ilma* fil-ħawt in kwistjoni, a paragun tal-bokka tal-katusi li jniżżlu l-ilma għall-bir tal-attur, tirċievi anqas kwantità ta' ilma minn dik l-istess bokka. Jingħad ukoll li l-katusi tal-fuħħar konnessi mal-pipe jidhru li huma antiki ħafna; u *kieku saru reċentement* ma kienx jintuża dak il-materjal, l-għaliex dawn l-aħħar għaxar snin kulħadd juża katusi ta' gres;

Illi motivi ulterjuri ma nġiebux il-quddiem mill-attur;

*Illi kwindi* lanqas *dan il-motiv* ma jirriżulta assodat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiċħad id-dikjarazzjoni mitluba; bl-ispejjeż kollha kollha għall-attur.